MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1752/2004

**Valletta Service Station Ltd**

**vs**

**Manolito Magri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u hames lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm505.35) rappresentanti provvizjoni ta' diesel provdut lill-konvenut fuq talba tieghu stess, skond statement anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1780/04 u bl-interessi sa mid-data ta' meta l-ammonti rispettivi saru dovuti, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm505.35), bl-imghaxijiet legali mil-4 ta' Settembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1780/04, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------